Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, is-27 ta' Gunju 2024**

**Kump. Nru. 408/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Wayne Rodney Borg**
**Spettur Andy Rotin)**

**Versus**

**Maria Delorenzo**
**(473881M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Maria Delorenzo**, detentrici tal-karta tal-identita' numru 473881M.

Akkuzata talli bejn Jannar tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) u Mejju tas-sena elfejn u tlieta w ghoxrin (2023) f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. Iffalsifikat cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentement ghamlet uzu minn wahda mill-karti msemmijin;

3. U aktar talli ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew

helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

5. U aktar talli sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghaliha nfisha jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlet dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tat taghrif falz;

6. U aktar talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh ta' aktar minn hamest elef Ewro (€5,000) bi hsara tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra;

7. U aktar talli bi hsara tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra, ghamlet qligh iehor b'qerq ta' aktar minn hamest elef Ewro (€5,000).

8. U aktar talli kellha fil-pussess ta' jew kellha taht il-kontroll taghha xi oggetti ghall-uzu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi.

Il-Qorti hija mitluba f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tapplika l-provvediment tal-artikolu 190 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet lis-Sur Raymond Chetcuti ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jikkonferma li l-ammont dovut gie mhallas fl-intier tieghu mill-imputata fit-28 ta' Lulju 2023.

Rat illi l-imputata, fis-seduta tal-15 ta' Frar 2024, irregistrat ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata, debitament assistita mill-konsulent legali taghha tenniet li hija hatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hatja ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghatat zmien xieraq sabiex jekk trid terga' lura minnha.

Illi l-imputata regghet tenniet ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghha, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputata.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 18, 31, 167, 169, 183, 184, 185, 188(1)(2), 308, 309, 310(1)(a) u 310BA tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputata **Maria Delorenzo hatja ta' l-akkuzi kollha migjuba kontriha** u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputata titqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' sena (1) millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħatja titqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilha mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u annessi ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lill-hatja **Maria Delorenzo** bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-

Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li tonqos milli tikkonforma ruhha ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li taghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, tista' tinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstabet hatja b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hatja. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull **sitt (6) xhur.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-hatja u x'jigri jekk hi ma toqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation jew jekk tikkommetti reat iehor fi zmien **sena (1)** millum.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputata fil-kaz odjern.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**